



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 189/24

Il-Lussemburgu, 7 ta' Novembru 2024

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-460/23 | [Kinsa] ¹

Iffaċilitar ta' dħul mhux awtorizzat ipprovdut bi skop umanitarju : l-Avukat Ġenerali Richard de la Tour iqis li d-Direttiva 2002/90 hija valida u jipprovd i preċiżazzjonijiet dwar ir-rekwiżiti tal-kriminalizzazzjoni fid-dritt tal-Unjoni u fid-dritt nazzjonali

Id-Direttiva 2002/90 hija konformi mal-prinċipji ta' legalità u proporzjonalità ta' reati u ta' pieneni. Hija l-qorti nazzjonali li għandha tiżgura li l-pieni applikabbli għal persuni li jkunu aġixxew b'mod diżinteressat ikunu proporzjonali, jekk dawn il-persuni ma jkunux eżentati mir-responsabbiltà kriminali

Id-Direttiva 2002/90 ² timponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jadottaw pieneni xierqa kontra kull min jiffaċilita d-dħul mhux awtorizzat ta' ċittadin ta' pajjiż terz fit-territorju ta' Stat Membru ³. Din id-direttiva tipprevedi, madankollu, li l-Istati Membri jistgħu ma jimponux pieneni meta dan l-iffaċilitar jiġi pprovdut bi skop umanitarju ⁴.

B'applikazzjoni ta' din id-direttiva, id-dritt Taljan jikkriminalizza l-iffaċilitar ta' dħul mhux awtorizzat, indipendentement mill-eżistenza ta' skop ta' profitt. L-imsemmi dritt jipprevedi piena ta' priġunerija ta' bejn sentejn u sitt snin, multa ta' EUR 15 000 għal kull persuna kkonċernata, u donnu jippermetti l-kumulu ta' dawn il-pieneni.

Il-Qorti Distrettwali ta' Bologna (Italja) ntalbet tagħti deċiżjoni dwar ir-responsabbiltà kriminali ta' ċittadina ta' pajjiż terz li kkontribwixxiet għad-dħul mhux awtorizzat, fit-territorju Taljan, ta' bintha u tan-neputija tagħha, billi użat dokumenti tal-identità foloz. Hija kellha dubji dwar il-validità tad-Direttiva 2002/90 minħabba li din tippreġudika b'mod sproporzjonat id-drittijiet fundamentali tal-persuni kkonċernati. B'mod partikolari, hija qieset li din tmur kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità sa fejn il-leġiżlatur tal-Unjoni jikkriminalizza l-iffaċilitar ta' dħul mhux awtorizzat indipendentement mill-eżistenza ta' skop ta' profitt, mingħajr ma jimponi fuq l-Istati Membri l-obbligu li jeżentaw mir-responsabbiltà kriminali lill dawk il-persuni li jaġixxu bi skop umanitarju jew minħabba relazzjonijiet familjali.

Fil-konklużjonijiet li huwa jippreżenta llum, l-Avukat Ġenerali Jean Richard de la Tour jispeċifika, fl-ewwel lok, li l-kriminalizzazzjoni tal-iffaċilitar ta' dħul mhux awtorizzat ikopri l-atti kollha li permezz tagħhom persuna tiffaċilita, b'mod meqjus u intenzjonat, il-qsim mhux awtorizzat tal-fruntiera ta' Stat Membru, indipendentement mill-motivi ta' din il-persuna.

Fit-tieni lok, huwa jqis li ma jeżisti **ebda element ta' natura li jaffettwa l-validità ta' din id-direttiva mill-perspettiva tal-prinċipju ta' legalità ta' reati u ta' pieneni**, stabbilit fl-Artikolu 49(1) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea. Din il-kriminalizzazzjoni taqa' taħt kompetenza kriminali kondiviża bejn l-Unjoni u l-Istati Membri u tiffirma parti mill-kuntest ta' approssimazzjoni tal-leġiżlazzjonijiet nazzjonali eżistenti. Sa fejn din id-direttiva ma tistax, minnha nnifisha, toħloq responsabbiltà kriminali fuq il-persuni, huma l-Istati Membri li għandhom jintegraw din il-kriminalizzazzjoni permezz ta' leġiżlazzjoni nazzjonali li tkun proporzjonali u mogħnija bl-ispeċifiċità, bil-preċiżjoni u biċ-ċarezza meħtieġa sabiex jiġi ssodisfatt ir-rekwiżit ta' ċertezza legali. Huma wkoll l-Istati Membri li għandhom jiddefinixxu, skont il-kriterji tagħhom għall-istabbiliment tar-responsabbiltà kriminali, sa fejn persuna tista', fid-dawl taċ-ċirkustanzi ta' kull każ inkwistjoni, tibbenefika minn eżenzjoni mir-responsabbiltà

kriminali jew minn raġuni ta' eżenzjoni jew ta' tnaqqis tal-piena.

Fit-tielet lok, l-Avukat Ġenerali Richard de la Tour iqis li l-**krimalizzazzjoni tal-iffaċilitar tal-immigrazzjoni mhux awtorizzata ma tmurx kontra l-prinċipju ta' proporzjonalità** stabbilit fl-Artikolu 49(3) tal-Karta. Minn naħa, huwa essenzjali li ma titteħidx inkunsiderazzjoni biss it-theddida li dan il-fenomeni jirrappreżenta għaż-żamma tal-ordni pubbliku u għall-ġestjoni tal-fruntieri, iżda għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni wkoll ir-riskji li għalihom jistgħu jkunu esposti l-persuni kkonċernati minħabba l-attivitajiet illegali marbutin miegħu u minħabba s-sitwazzjoni ta' prekarjetà kbira u ta' dipendenza li fiha huma jistgħu jkunu jinstabu. Min-naħa l-oħra, jekk l-iffaċilitar ipprovdut ma jaqax neċessarjament taħt attività bi skop ta' profitt jew skop kriminali u ma toħloqx sistematikament riskju serju għall-ħajja ta' dawn il-persuni, huwa importanti li l-atti kollha li jikkontribwixxu għad-dħul mhux awtorizzat ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jitqiegħdu fil-kamp ta' azzjoni tal-awtoritajiet kriminali, sabiex tiġi żgurata sorveljanza ikbar tal-atti li jkunu allegatament twettqu b'solidarjetà jew minħabba relazzjonijiet familjali iżda li, fir-realtà, jista' jkollhom skopijiet oħra. F'dan il-kuntest, hija l-qorti nazzjonali li għandha tiddetermina l-motivazzjonijiet tal-awtur tal-att u li għandha tevalwa sa fejn dan l-att ikun meħtieġ għas-salvagwardja ta' interess superjuri u tiġġustifika, fid-dawl tad-dispożizzjonijiet tad-dritt nazzjonali tagħha, l-eżenzjoni tal-persuna kkonċernata mir-responsabbiltà kriminali jew li din tingħata eżenzjoni jew tnaqqis tal-piena.

Fl-aħħar lok, l-Avukat Ġenerali Richard de la Tour jenfasizza li l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex elementi suffiċjenti dwar il-portata tar-raġunijiet ta' eżenzjoni mir-responsabbiltà kriminali jew ta' eżenzjoni jew tnaqqis tal-piena previsti mid-dritt Taljan. Huwa madankollu josserva li l-prinċipju ta' proporzjonalità jipprekludi sistema nazzjonali li ma tippermettix li l-qorti nazzjonali tibbilanċja l-interessi inkwistjoni u li tipproċedi għal individwalizzazzjoni tal-piena. B'mod partikolari, **il-qorti nazzjonali għandha tkun tista' tistabbilixxi distinzjoni bejn l-inkriminazzjoni ta' persuna li tkun aġixxiet bi skop umanitarju jew b'neċessità, u dik ta' persuna li timxi biss bl-intenzjoni kriminali li twettaq l-att preċiżament ipprojbit mil-liġi għal skop ta' profitt.**

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawża li jkunu ġew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw il-konklużjonijiet

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355.

Ritratti tal-qari tal-konklużjonijiet huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106.

Ibqgħu konnessi!



¹ L-isem ta' din il-kawża huwa fittizju. Dan l-isem ma jikkorrispondi għall-isem reali ta' ebda waħda mill-partijiet fil-proċedura.

² [Direttiva tal-Kunsill 2002/90/KE](#) tat 28 ta' Novembru 2002 li tidddefinixxi l-iffaċilitar ta' dħul, transitu u residenza mhux awtorizzati.

³ Ara l-Artikolu 1(1)(a) tad-Direttiva.

⁴ Ara l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva.